# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

14 ta' Marzu 2013*

"Ambjent — Direttiva 85/337/KEE — Stima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent — Awtorizzazzjoni ta' tali proġett fin-nuqqas ta' evalwazzjoni xierqa — Għanijiet ta' din l-evalwazzjoni — Kundizzjonijiet li hija suġġetta għalihom l-eżistenza ta' dritt għal kumpens — Inklużjoni jew le tal-protezzjoni tal-individwi kontra d-danni patrimonjali"

Fil-Kawża C-420/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Lulju 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta' Awwissu 2011, fil-proċedura

**Jutta Leth**

vs

**Republik Österreich,**

**Land Niederösterreich,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn L. Bay Larsen (Relatur), President tal-Awla, J. Malenovský, U. Lõhmus, M. Safjan u A. Prechal, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: V. Tourrès, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal J. Leth, minn W. Proksch, Rechtsanwalt,

— għar-Republik Österreich, minn C. Pesendorfer u P. Cede, bħala aġenti,

— għall-Land Niederösterreich, minn C. Lind, Rechtsanwalt,

— għall-Gvern Ċek, minn D. Hadroušek u M. Smolek, bħala aġenti,

— għall-Irlanda, minn D. O'Hagan, bħala aġent, assistit minn E. Fitzsimons, SC,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

— għall-Gvern Elleniku, minn G. Karipsiades, bħala aġent,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn S. Varone, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Latvjan, minn I. Kalniņš u A. Nikolajeva, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn J. Beeko u L. Seeboruth, bħala aġenti, assistiti minn E. Dixon, barrister,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Oliver u G. Wilms, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2012,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 248), kif emendata bid-Direttivi tal-Kunsill 97/11/KE, tat-3 ta' Marzu 1997 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 151), u 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 466, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 85/337").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża minn J. Leth kontra r-Republik Österreich u l-Land Niederösterreich (Land tal-Awstrija l-Baxxa), fir-rigward tat-talba tagħha intiża, min-naħa, għall-kumpens għad-dannu patrimonjali li hija ssostni li sofriet minħabba d-deprezzament tal-valur tad-dar tagħha li tintuża għall-abitazzjoni wara l-estensjoni tal-ajruport ta' Vienna-Schwechat (l-Awstrija) u, min-naħa l-oħra, għall-konstatazzjoni tar-responsabbiltà tal-konvenuti fil-kawża prinċipali għad-danni futuri.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

Id-Direttiva 85/337

3 L-ewwel, it-tielet, il-ħames, is-sitt u l-ħdax-il premessa tad-Direttiva 85/337 jipprovdu s-segwenti:

"Billi l-programmi ta' azzjoni [...] tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-ambjent [...] jenfasizzaw li l-aħjar politika ambjentali tikkonsisti fil-prevenzjoni minn ras il-għajn tal-ħolqien ta' tniġġis jew inkonvenjenzi, milli f'li wara tipprova tieħu azzjoni kontra l-effetti tagħhom; billi jaffermaw il-bżonn li effetti fuq l-ambjent għandhom jitqiesu kemm jista' jkun kmieni fil-proċessi ta' l-ippjanar tekniku u tat-teħid ta' deċiżjonijiet; billi għal dak il-għan, jipprovdu għall-implimentazzjoni tal-proċeduri biex jistmaw effetti tali;

[...]

Billi, iktar minn hekk, huwa meħtieġ li jinkiseb wieħed mill-għanijiet tal-Komunita 'fl-isfera tal-ħarsien ta' l-ambjent u l-kwalita tal-ħajja;

[…]

Billi prinċipji ġenerali għall-istima ta' effetti ambjentali għandhom ikunu introdotti bil-ħsieb li jikkompletaw u jikkordinaw proċeduri ta' kunsens għal żvilupp li jirregolaw proġetti pubbliċi u privati li aktarx ikollhom effett qawwi fuq l-ambjent;

Billi kunsens għal żvilupp għal proġetti pubbliċi u privati li aktarx ikollhom effett sinifikanti fuq l-ambjent għandu jingħata biss wara li stima minn qabel tkun saret ta' l-effetti sinifikanti probabbli ambjentali ta' dawn il-proġetti; billi din l-istima għandha titmexxa fuq il-bażi ta' l-informazzjoni xierqa mogħtija mill-iżviluppatur, li tista' tkun kompletata mill-awtoritajiet u n-nies li jistgħu jkunu mħassba bil-proġett in kwestjoni;

[…]

Billi l-effetti ta' proġetti fuq l-ambjent għandhom ikunu stmati biex iqisu l-ansjetajiet għall-ħarsien tas-saħħa umana, issir kontribuzzjoni permezz ta' ambjent aħjar għall-kwalita' ta' ħajja, tkun żgurata żamma tad-diversita ta' speċji u tinżamm il-kapaċita reproduttiva ta' l-ekosistema bħala riżors bażiku għal ħajja".

4 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 85/337 jipprovdi:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-istima ta' l-effetti ambjentali ta' dawk il-proġetti pubbliċi u privati li aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

'proġett' tfisser:

— l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' istallazjonijiet jew skemi oħra,

— interventi oħra fil-madwar u pajsaġġ naturali inklużi dawk li jimplikaw l-estrazzjoni ta' riżorsi naturali;

[…]"

5 L-Artikolu 2(1) tal-istess Direttiva jipprovdi:

"Stati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li, qabel ma jingħata kunsens, proġetti li aktarx ikollhom effetti sinifikattivi fuq l-ambjent minħabba *inter alia*, in-natura, il-kobor u l-post tagħhom ikunu suġġetti għal stima fir-rigward ta' l-effetti tagħhom. Dawn il-proġetti huma definiti fl-Artikolu 4."

6 L-Artikolu 3 tad-direttiva msemmija jipprovdi:

"L-istima dwar l-impatt fuq l-ambjent għandha tidentifika, tiddeskrivi u tistma b'manjiera xierqa, fid-dawl ta' kull każ individwali u b'mod konformi ma' l-Artikoli 4 sa 11, l-effetti diretti u indiretti ta' proġett fuq il-fatturi li ġejjin:

— il-bniedem, il-fawna u l-flora;

— il-ħamrija, l-ilma, l-arja, il-klima u l-pajsaġġ;

— il-beni materjali u l-wirt kulturali;

— l-interazzjoni bejn il-fatturi msemmija fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet inċiżi.”

7 Skont l-Artikolu 4(1) sa (3) tad-Direttiva 85/337:

“1. Bla ħsara għall-Artikolu 2(3), il-proġetti mniżżla fl-Anness I għandhom jiġu soġġetti għall-stima b’mod konformi ma’ l-Artikoli 5 sa 10.

2. Bla ħsara għall-Artikolu 2(3), għall-proġetti mniżżla fil-lista fl-Anness II, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu permezz ta’:

a) eżami każ b’każ,

jew

b) l-għetiebi jew il-kriterji stabbiliti mill-Istat Membru,

jekk il-proġett għandux jiġi sottomess għal stima b’mod konformi ma’ l-Artikoli 5 sa 10.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċidu li japplikaw iż-żewġ proċeduri msemmija fil-(a) u fil-(b).

3. Meta jiġi mwettaq eżami każ b’każ jew jiġu stabbiliti l-għetiebi jew il-kriterji għall-għan tal-paragrafu 2, għandhom jitqiesu l-kriterji rilevanti tal-għażla ddikjarati fl-Anness III.”

8 L-Artikolu 5(1) u (3) tal-istess Direttiva jipprovdi:

“1. Fil-każ ta’ proġetti li, skond l-Artikolu 4, iridu jiġu soġġetti għal stima dwar l-impatt fuq l-ambjent b’mod konformi ma’ l-Artikoli 5 sa 10, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw illi l-iżviluppatur iforni f’għamla xierqa t-tagħrif speċifikat fl-Anness IV […]

3. It-tagħrif li għandu jiġi pprovvdut mill-iżviluppatur b’mod konformi mal-paragrafu 1 għandu mill-inqas jinkludi:

[…]

— il-fatti magħrufa (“data”;) meħtieġa biex jidentifikaw u jistmaw l-effetti ewliena li l-proġett x’aktarx li jkun sejjer ikollu fuq l-ambjent,

[…]”

9 Fost il-proġetti msemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 85/337 hemm, skont il-paragrafi 7(a) u 22 tal-Anness I, il-“bini ta’ linji tal-ferrovija għat-traffiku fuq distanzi twal u ta’ ajruporti […] b’tul bażiku tar- runway ta’ 2100 m jew iktar;” u “[k]ull bidla jew estensjoni tal-proġetti elenkati f’dan l-Anness meta din il-bidla jew estensjoni fihom infushom jilħqu l-għetiebi, jekk ikun hemm minnhom, iddikjarati f’dan l-Anness”.

10 Skont l-ewwel inċiż tal-paragrafu 13 tal-Anness II tad-Direttiva 85/337 “[k]ull bidla jew estensjoni tal-proġetti mniżżla fl-Anness I […], diġà awtorizzati, imwettqa jew fil-proċess tat-twettiq, li jista’ jkollhom effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent (bidla jew estensjoni mhux inkluża fl-Anness I)” tinsab fost il-proġetti msemmija fl-Artikolu 4(2) ta’ din id-Direttiva.

11 L-Anness IV tad-Direttiva msemmija, intitolat "It-tagħrif imsemmi fl-Artikolu 5(1)", jipprovdi fil-punti 3 sa 5 tiegħu:

"3. Id-deskrizzjoni ta' l-aspetti fl-ambjent li x'aktarx jiġu affettwati sinifikament mill-proġett propost, inklużi, b'mod partikolari, il-popolazzjoni, il-fawna, il-flora, il-ħamrija, l-ilma, l-arja, il-fatturi klimatiċi, il-beni materjali, inklużi l-wirt arkitettoniku u arkeoloġiku, il-pajsaġġ u l-inter-relazzjonijiet bejn il-fatturi msemmija hawn fuq.

4. Id-deskrizzjoni [...] ta' l-effetti x'aktarx sinifikanti tal-proġett propost fuq l-ambjent li jirriżultaw minn:

— l-eżistenza tal-proġett,

— l-użu tar-riżorsi naturali,

— l-emissjoni ta' oġġetti ta' tniġġis, il-ħolqien ta' irritazzjonijiet u l-eliminazzjoni ta' l-iskart,

u d-deskrizzjoni mill-iżviluppatur dwar il-metodi tat-tbassir użati biex jiġu stmati l-effetti fuq l-ambjent.

5. Id-deskrizzjoni tal-miżuri previsti sabiex jipprevjenu, inaqqsu u fejn possibbli jikkontrobilanċjaw kull effett avvers sinifikanti fuq l-ambjent."

*Id-dritt Awstrijaku*

12 Id-Direttiva 85/337 ġiet trasposta fis-sistema legali Awstrijaka bil-Liġi tal-1993 dwar l-istima tal-effetti fuq l-ambjent (Umweltverträglichkeitsprüfungsgesetz 1993, iktar 'il quddiem l-"UVP-G 1993"), fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 1994 sad-dħul fis-seħħ, fil-11 ta' Awwissu 2000, tal-Liġi tal-2000 dwar l-istima tal-effetti fuq l-ambjent (Umweltverträglichkeitsprüfungsgesetz 2000), intiża sabiex tittrasponi d-Direttiva 97/11.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

13 Mill-1997, J. Leth, rikorrenti fil-kawża prinċipali, hija proprjetarja ta' beni immobbli li jinsab fil-perimetru ta' sigurtà tal-ajruport ta' Vienna-Schwechat. Hija tgħix fid-dar mibnija fuq din l-art.

14 Mill-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija mal-Unjoni Ewropea, fl-1 ta' Jannar 1995, xi korpi tal-konvenuti fil-kawża prinċipali, mingħajr ma wettqu stimi tal-effetti fuq l-ambjent, awtorizzaw u implementaw diversi proġetti li jirrigwardaw l-organizzazzjoni u l-estensjoni tal-imsemmi ajruport. B'deċiżjoni tal-21 ta' Awwissu 2001, l-Ewwel Ministru tal-Land Niederösterreich ikkonstata espressament li ma kinitx meħtieġa proċedura ta' stima tal-effetti fuq l-ambjent sabiex titkompla l-organizzazzjoni tal-ajruport ta' Vienna-Schwechat u sabiex jitkomplew ċerti estensjonijiet tiegħu.

15 Fl-2009, J. Leth ippreżentat rikors quddiem il-Landesgericht für Zivilrechtssachen Wien kontra ż-żewġ konvenuti fil-kawża prinċipali, fejn talbet, minn naħa, li dawn tal-aħħar jiġu kkundannati jħallsuha s-somma ta' EUR 120 000 minħabba d-deprezzament fil-valur tal-beni immobbli tagħha, b'mod partikolari minħabba l-ħoss tal-ajruplani u, min-naħa l-oħra, li tiġi kkonstatata r-responsabbiltà ta' dawn il-konvenuti f'dak li jikkonċerna d-danni futuri, inklużi d-danni għas-saħħa, minħabba t-traspożizzjoni tardiva u mhux kompleta tad-Direttivi 85/337, 97/11 u 2003/35, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' stima tal-effetti fuq l-ambjent waqt il-ħruġ tad-diversi awtorizzazzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tal-ajruport ta' Vienna-Schwechat. L-istess konvenuti invokaw in-natura legali u mhux dannuża tal-aġir tal-korpi tagħhom kif ukoll il-preskrizzjoni tal-azzjoni kif ippreżentata.

16 Il-Landesgericht für Zivilrechtssachen Wien ċaħdet ir-rikors b'mod sħiħ minħabba li d-drittijiet invokati kienu preskritti. B'sentenza minn appell parzjali, l-Oberlandesgericht Wien ikkonfermat iċ-ċħid tat-talba għall-ħlas ta' EUR 120 000, iżda annullat iċ-ċħid tat-talba intiża għall-konstatazzjoni tar-responsabbiltà tal-konvenuti msemmija fir-rigward tad-danni futuri, u rrinvijat il-kawża quddiem il-qorti tal-ewwel istanza sabiex din tiddeċiedi mill-ġdid fuq din l-aħħar talba. F'dan ir-rigward, l-Oberlandesgericht Wien irrilevat li t-talba għall-ħlas ta' kumpens ta' EUR 120 000 kienet tikkonċerna biss lil dannu purament patrimonjali, li ma jidħolx fl-iskop ta' protezzjoni intiż mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk tad-Direttivi rilevanti u tad-dritt nazzjonali. Dwar it-talba għall-konstatazzjoni tar-responsabbiltà fir-rigward tad-danni futuri, din il-qorti rrilevat li din ma kinitx preskritta. Sussegwentement, ġew ippreżentati quddiem il-qorti tar-rinviju appell miċ-ċaħda tat-talba għall-ħlas tal-kumpens imsemmija u rikors dirett kontra r-rinviju tat-talba għall-konstatazzjoni tar-responsabbiltà.

17 Din tal-aħħar tqis li d-deċiżjoni fuq dawn it-talbiet, li f'kull każ ma humiex għal kollox preskritti, tiddependi mill-punt jekk l-obbligu tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, stabbilit kemm bid-dritt tal-Unjoni kif ukoll bid-dritt nazzjonali, li jwettqu stima tal-effetti fuq l-ambjent jistax jipproteġi lill-individwi kkonċernati kontra danni purament patrimonjali kkawżati minn proġett li ma kienx is-suġġett ta' tali stima.

18 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Oberster Gerichtshof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"L-Artikolu 3 tad-Direttiva [...] 85/337 [...], kif emendata bid-Direttiva [...] 97/11 [...] u bid-Direttiva 2003/35 [...], għandu jiġi interpretat fis-sens li:

1) il-kunċett 'beni materjali' jkopri biss is-sustanza fiżika tagħhom jew fis-sens li jkopri wkoll il-valur tagħhom?

2) l-istima tal-effetti fuq l-ambjent tinkludi wkoll il-protezzjoni ta' individwu kontra danni patrimonjali kkawżati bit-tnaqqis fil-valur tal-proprjetà immobbli tiegħu?"

## Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19 B'ittra tal-21 ta' Diċembru 2012, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali talbet il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali, billi sostniet, minn naħa, li l-Avukat Ġenerali, meta eżamina, fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fit-8 ta' Novembru 2012, il-kwistjoni jekk l-istima tal-effetti fuq l-ambjent, kif prevista fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/337, kinitx tinkludi l-istima tal-effetti tal-proġett inkwistjoni fuq il-valur tal-beni materjali, introduċa kwistjoni ġdida li ma tqajmitx mill-qorti tar-rinviju u li ma ġietx diskussa bejn il-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u, konsegwentement, l-ewwel domanda kif imressqa mill-qorti tar-rinviju ma rċevietx risposta. Min-naħa l-oħra, din issostni li l-imsemmija persuni interessati ma kellhomx l-okkażjoni li jiddibattu l-konsegwenzi li għandhom jitnisslu mill-fatt li l-pubbliku kkonċernat ma kienx informat bil-proġetti inkwistjoni, u b'hekk li ma setax jipparteċipa fil-proċess deċiżjonali.

20 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' f'kull mument, wara li jkun instema' l-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali, b'mod partikolari jekk hija tqis li ma għandhiex biżżejjed informazzjoni jew, fost oħrajn, meta l-kawża għandha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument li ma ġiex diskuss bejn il-partijiet jew il-persuni interessati kkonċernati fl-imsemmi Artikolu 23.

21 F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li t-talba għal deċiżjoni preliminari ma għandhiex tiġi eżaminata abbażi ta' argumenti li ma ġewx diskussi quddiemha u tqis li hija għandha l-elementi kollha neċessarji sabiex tikkunsidra t-talba għal deċiżjoni preliminari.

22 B'hekk, ma hemmx lok li tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali intiża għaż-żamma ta' seduta ġdida u lanqas dik, ippreżentata sussidjarjament, intiża sabiex tiġi awtorizzata tissottometti osservazzjonijiet bil-miktub addizzjonali.

## Fuq id-domandi preliminari

23 Bid-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/337 għandux jiġi interpretat fis-sens li, min-naħa, l-istima tal-effetti fuq l-ambjent, kif prevista f'dan l-Artikolu, tinkludi fiha l-istima tal-effetti tal-proġett inkwistjoni fuq il-valur tal-beni materjali u li, min-naħa l-oħra, il-fatt li ma saritx stima tal-effetti fuq l-ambjent bi ksur tar-rekwiżiti ta' din id-direttiva, jagħtix lil individwu dritt għal kumpens għad-dannu patrimonjali kkawżat mid-deprezzament tal-valur tal-beni immobbli tiegħu li jirriżulta mill-effetti fuq l-ambjent tal-proġett inkwistjoni.

24 Fir-rigward tal-kunċett ta' "beni materjali" fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/337, għandu jiġi mfakkar li mill-eżiġenzi tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta li l-kliem ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea li ma tinkludi l-ebda riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati s-sens u l-portata tagħha għandhom normalment, fl-Unjoni Ewropea kollha, jiġu interpretati b'mod awtonomu u uniformi fejn din l-interpretazzjoni tkun waħda studjata fid-dawl tal-kuntest tad-dispożizzjoni u tal-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni (ara s-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2000, Linster, C-287/98, Ġabra p. I-6917, punt 43, u tat-22 ta' Diċembru 2010, Mercredi, C-497/10 PPU, Ġabra p. I-14309, punt 45).

25 B'applikazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/337, għandhom jiġu eżaminati l-effetti diretti u indiretti ta' proġett fuq, b'mod partikolari, il-bniedem u l-beni materjali u, b'mod konformi mar-raba' inċiż ta' dan l-Artikolu, għandhom jiġu eżaminati wkoll tali effetti fuq l-interazzjoni bejn dawn il-fatturi. Għalhekk, b'mod partikolari, għandu jiġi evalwat l-impatt ta' proġett fuq l-użu tal-beni materjali mill-bniedem.

26 Isegwi li, matul l-istima tal-proġetti bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jistgħu joħolqu ħsejjes għolja ta' ajruplani, għandhom jiġu eżaminati l-effetti ta' dawn tal-aħħar fuq l-użu tal-bini mill-bniedem.

27 Madankollu, hekk kif irrilevaw ġustament il-Land Niederösterreich u diversi gvernijiet li ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, mill-kliem tal-imsemmi Artikolu 3 ma tistax tiġi dedotta estensjoni tal-istima ambjentali għall-valur patrimonjali tal-beni materjali u din lanqas ma hija konformi mal-għan tad-Direttiva 85/337.

28 Fil-fatt, mill-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 85/337, kif ukoll mill-ewwel, mit-tielet, mill-ħames u mis-sitt premessa tagħha jirriżulta li l-għan ta' din id-Direttiva huwa stima tal-effetti tal-proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent bil-għan li jitwettaq wieħed mill-għanijiet tal-Komunità fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent u l-kwalità tal-ħajja. Huwa ma' dan l-istess skop li hija relatata l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-kuntrattur b'applikazzjoni tal-Artikolu 5(1) u tal-Anness IV ta' din l-istess direttiva kif ukoll il-kriterji li jippermettu li jiġi evalwat jekk il-proġetti ż-żgħar, li jissodisfaw il-karatteristiċi msemmija fl-Anness III tagħha, jeħtiġux evalwazzjoni ambjentali.

29 Konsegwentement, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni biss l-effetti fuq il-beni materjali li, min-natura tagħhom, jistgħu ikollhom ukoll effett fuq l-ambjent. B'hekk, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3 tad-direttiva msemmija, stima tal-effetti ambjentali mwettqa b'mod konformi ma' dan l-Artikolu hija dik li tidentifika, tiddeskrivi u tevalwa l-effetti diretti u indiretti tal-ħoss fuq il-bniedem fil-każ ta' użu ta' beni immobbli affettwat minn proġett bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

30 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li l-istima tal-effetti fuq l-ambjent kif stabbilita fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/337 ma tinkludix dik tal-effetti tal-proġett inkwistjoni fuq il-valur tal-beni materjali.

31 Madankollu, din il-konstatazzjoni mhux neċessarjament timplika li l-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/337 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fatt li stima tal-effetti fuq l-ambjent ma twettqitx bi ksur tar-rekwiżiti ta' din id-direttiva, b'mod partikolari stima dwar l-effetti fuq wieħed jew iktar mill-fatturi elenkati f'dan l-Artikolu minbarra dak tal-beni materjali, ma jagħti lil individwu ebda dritt għal kumpens għal dannu patrimonjali kkawżat mid-deprezzament tal-valur tal-beni materjali tiegħu.

32 F'dan ir-rigward, għandu qabel kollox jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li individwu jista' jinvoka l-obbligu li titwettaq stima tal-effetti fuq l-ambjent stabbilit mill-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 85/337, moqri flimkien mal-Artikoli 1(2) u 4 tagħha (ara s-sentenza tas-7 ta' Jannar 2004, Wells, C-201/02, Ġabra p. I-723, punt 61). B'hekk, din id-direttiva tikkonferixxi fuq l-individwi kkonċernati dritt li s-servizzi kompetenti jwettqu stima tal-effetti fuq l-ambjent tal-proġett inkwistjoni u li jikkonsultawhom f'dan ir-rigward.

33 Għalhekk, għandu jiġi eżaminat jekk l-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/337, moqri flimkien mal-Artikolu 2 tagħha, jistax, fil-kuntest ta' nuqqas ta' twettiq tal-istima tal-effetti fuq l-ambjent, jikkonferixxi fuq l-individwi dritt għal kumpens għad-danni patrimonjali bħal dak invokat minn J. Leth.

34 F'dan ir-rigward, mit-tielet u mill-ħdax-il premessa tad-Direttiva 85/337 jirriżulta li din għandha l-għan li twettaq wieħed mill-għanijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent kif ukoll fil-kwalità tal-ħajja u li l-effetti ta' proġett fuq l-ambjent għandhom jiġu stmati sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni t-tħassib intiż sabiex jikkontribwixxi għall-kwalità tal-ħajja permezz ta' ambjent aħjar.

35 F'ċirkustanzi fejn l-espożizzjoni għall-ħsejjes tirriżulta minn proġett imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/337 ikollha effetti notevoli fuq il-bniedem, fis-sens li dar maħsuba għall-abitazzjoni affettwata minn dawn il-ħsejjes issir inqas adattata sabiex taqdi l-funzjoni tagħha u fejn l-ambjent tal-bniedem, il-kwalità tal-ħajja tiegħu u, eventwalment, is-saħħa tiegħu jiġu affettwati, deprezzament fil-valur patrimonjali ta' din id-dar jista', effettivament, ikun konsegwenza ekonomika diretta ta' tali effetti fuq l-ambjent, liema ħaġa għandha tiġi eżaminata każ b'każ.

36 Għalhekk, għandu jiġi konkluż li l-prevenzjoni tad-danni patrimonjali, sa fejn dawn ikunu konsegwenzi ekonomiċi diretti tal-effetti fuq l-ambjent ta' proġett pubbliku jew privat, hija koperta mill-iskop ta' protezzjoni mfittex mid-Direttiva 85/337. Peress li tali danni ekonomiċi huma konsegwenzi diretti ta' tali effetti, dawn għandhom jitqiesu bħala distinti mid-danni ekonomiċi li ma għandhomx bħala s-sors diretta tagħhom l-effetti fuq l-ambjent u li, għalhekk, ma humiex koperti mill-iskop ta' protezzjoni mfittex minn din id-direttiva, bħal, b'mod partikolari, ċerti żvantaġġi kompetittivi.

37 Fir-rigward ta' dritt għal kumpens għal tali danni patrimonjali, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li abbażi tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali previst fl-Artikolu 4(3) TUE, l-Istati Membri għandhom jeliminaw il-konsegwenzi illegali ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, sabiex tirrimedja għal nuqqas milli ssir l-istima tal-effetti fuq l-ambjent ta' proġett fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 85/337, il-qorti nazzjonali għandha tistabbilixxi jekk teżistix, fid-dritt intern, il-possibbiltà li tiġi rtirata jew sospiża awtorizzazzjoni diġà maħruġa sabiex dan il-proġett jiġi ssuġġettat għal stima tal-effetti tiegħu fuq l-ambjent b'mod konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 85/337, jew, alternattivament, jekk l-individwu jagħti l-kunsens tiegħu għal dan, il-possibbiltà li dan tal-aħħar jitlob kumpens għal kull dannu subit (ara s-sentenza Wells, iċċitata iktar 'il fuq, punti 66 sa 69).

38 Il-metodi proċedurali applikabbli jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku intern ta' kull Stat Membru abbażi tal-prinċipju tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, bil-kundizzjoni, madankollu, li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili ta' natura domestika (prinċipju ta'

ekwivalenza) u li, fil-prattika, ma jrendux impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku Komunitarju (prinċipju ta' effettività) (ara s-sentenza Wells, iċċitata iktar 'il fuq, punt 67).

39 B'hekk, fil-kuntest tad-dritt nazzjonali tar-responsabbiltà, huwa l-Istat Membru li għandu jagħti kumpens għall-konsegwenzi tad-dannu kkawżat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-kumpens għad-danni jiżgura l-osservanza tal-prinċipju ta' ekwivalenza u ta' effettività msemmija fil-punt preċedenti (ara s-sentenza tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame, C-46/93 u C-48/93, Ġabra p. I-1029, punt 67).

40 Madankollu, għandu jiġi mfakkar li d-dritt tal-Unjoni jagħti lill-individwi, taħt ċerti kundizzjonijiet, dritt ta' kumpens għad-danni kkawżati minn ksur tad-dritt tal-Unjoni. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju ta' responsabbiltà tal-Istat għal danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni li huwa attribwibbli lilu huwa inerenti għas-sistema tat-trattati li fuqhom dan tal-aħħar huwa bbażat (ara s-sentenza tal-25 ta' Novembru 2010, Fuß, C-429/09, Ġabra p. I-12167, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet kemm-il darba li l-individwi leżi għandhom dritt għal kumpens sakemm jiġu sodisfatti tliet kundizzjonijiet, jiġifieri li r-regola tad-dritt tal-Unjoni li nkisret għandha bħala għan li tagħtihom drittijiet, li l-ksur ta' din ir-regola huwa suffiċjentement serju u li teżisti rabta kawżali diretta bejn dan il-ksur u d-dannu subit mill-individwi (ara s-sentenzi Fuß, iċċitata iktar 'il fuq, punt 47, kif ukoll tad-9 ta' Diċembru 2010, Combinatie Spijker Infrabouw-De Jonge Konstruktie *et*, C-568/08, Ġabra p. I-12655, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Dawn it-tliet kundizzjonijiet huma neċessarji u suffiċjenti sabiex individwi jkollhom dritt jiksbu kumpens li huwa stabbilit direttament fid-dritt tal-Unjoni, madankollu mingħajr ma jiġi eskluż li l-Istat Membru kkonċernat jista' jinżamm responsabbli taħt kundizzjonijiet inqas restrittivi fuq il-bażi tad-dritt nazzjonali (ara s-sentenza Brasserie du pêcheur u Factortame, iċċitata iktar 'il fuq, punt 66).

43 L-implementazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet stabbilit direttament fid-dritt tal-Unjoni, li jippermettu li tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Istati Membri għal danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni għandha, bħala prinċipju, titwettaq mill-qrati nazzjonali, skont il-linji gwida mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex titwettaq tali implementazzjoni (ara s-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, Ġabra p. I-11753, punt 210 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 F'dan ir-rigward, fil-punti 32 u 36 ta' din is-sentenza diġà ġie stabbilit li d-Direttiva 85/337 tagħti lill-individwi kkonċernati dritt sabiex is-servizzi kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jistmaw l-effetti fuq l-ambjent tal-proġett inkwistjoni u li d-danni patrimonjali, sa fejn dawn ikunu konsegwenzi ekonomiċi diretti tal-effetti fuq l-ambjent ta' proġett pubbliku jew privat, ikunu koperti mill-iskop ta' protezzjoni ta' din id-direttiva.

45 Madankollu, hekk kif ġie indikat fil-punt 41 ta' din is-sentenza, minbarra l-verifika li l-ksur tar-regola tad-dritt tal-Unjoni huwa kkaratterizzat biżżejjed, l-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn il-ksur inkwistjoni u d-danni subiti mill-individwi hija kundizzjoni indispensabbli għad-dritt għal kumpens, liema eżistenza għandha tiġi vverifikata mill-qrati nazzjonali, b'mod konformi mal-orjentazzjonijiet ipprovduti mill-Qorti tal-Ġustizzja.

46 Għal dan il-għan, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tar-regola li nkisret. F'dan il-każ, din tistabbilixxi stima tal-effetti fuq l-ambjent ta' proġett pubbliku jew privat, iżda ma tistabbilixxi la r-regoli fil-mertu relattivi għal paragun tal-effetti fuq l-ambjent ma' fatturi oħra u lanqas ma tipprekludi t-twettiq tal-proġetti li jistgħu jkollhom effetti negattivi fuq l-ambjent. Dawn

il-karatteristiċi huma intiżi sabiex jindikaw li l-ksur tal-Artikolu 3 tad-Direttiva msemmija, jiġifieri, f'dan il-każ, l-ommissjoni tal-istima stabbilita minn dan l-Artikolu, minnha nnifisha ma tikkostitwixxix, fil-prinċipju, il-kawża tad-deprezzament tal-valur ta' beni immobbli.

47 Konsegwentement, jidher li, skont id-dritt tal-Unjoni, minnu nnifsu, il-fatt li ma saritx stima tal-effetti fuq l-ambjent bi ksur tar-rekwiżiti tad-Direttiva 85/337 ma jikkonferixxix, fil-prinċipju, fuq individwu dritt għal kumpens għal dannu purament patrimonjali kkawżat mid-deprezzament tal-valur tal-beni immobbli tiegħu maħluq minn effetti fuq l-ambjent. Madankollu, finalment, hija l-qorti nazzjonali, li hija unikament kompetenti sabiex tevalwa l-fatti tal-kawża li jkollha quddiemha, li għandha tivverifika jekk humiex sodisfatti l-eżiġenzi tad-dritt tal-Unjoni applikabbli għad-dritt għal kumpens, b'mod partikolari l-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn il-ksur allegat u d-danni subiti.

48 Għalhekk, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda mressqa għandha tkun li l-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/337 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-istima tal-effetti fuq l-ambjent, kif stabbilita f'dan l-Artikolu, ma tinkludix l-istima tal-effetti tal-proġett inkwistjoni fuq il-valur tal-beni materjali. Madankollu, id-danni patrimonjali, sa fejn ikunu konsegwenzi ekonomiċi diretti tal-effetti fuq l-ambjent ta' proġett pubbliku jew privat, huma koperti mill-għan ta' protezzjoni mfittex minn din id-direttiva. Fil-prinċipju, il-fatt li ma saritx stima tal-effetti fuq l-ambjent bi ksur tar-rekwiżiti tad-direttiva msemmija, minnu nnifsu ma jikkonferixxix fuq individwu, skont id-dritt tal-Unjoni u mingħajr preġudizzju għal regoli tad-dritt nazzjonali inqas restrittivi fil-qasam tar-responsabbiltà tal-Istat, dritt għal kumpens għal dannu purament patrimonjali kkawżat mid-deprezzament tal-valur tal-beni immobbli tiegħu maħluq minn effetti fuq l-ambjent tal-proġett imsemmi. Madankollu, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk humiex sodisfatti l-eżiġenzi tad-dritt tal-Unjoni applikabbli għad-dritt għal kumpens, b'mod partikolari l-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn il-ksur allegat u d-danni subiti.

**Fuq l-ispejjeż**

49 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata bid-Direttivi tal-Kunsill 97/11/KE, tat-3 ta' Marzu 1997, u 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-istima tal-effetti fuq l-ambjent, kif stabbilita f'dan l-Artikolu, ma tinkludix l-istima tal-effetti tal-proġett inkwistjoni fuq il-valur tal-beni materjali. Madankollu, id-danni patrimonjali, sa fejn ikunu konsegwenzi ekonomiċi diretti tal-effetti fuq l-ambjent ta' proġett pubbliku jew privat, huma koperti mill-għan ta' protezzjoni mfittex minn din id-direttiva.**

**Fil-prinċipju, il-fatt li ma saritx stima tal-effetti fuq l-ambjent bi ksur tar-rekwiżiti tad-Direttiva msemmija, minnu nnifsu ma jikkonferixxix fuq individwu, skont id-dritt tal-Unjoni u mingħajr preġudizzju għal regoli tad-dritt nazzjonali inqas restrittivi fil-qasam tar-responsabbiltà tal-Istat, dritt għal kumpens għal dannu purament patrimonjali kkawżat mid-deprezzament tal-valur tal-beni immobbli tiegħu maħluq minn effetti fuq l-ambjent tal-proġett imsemmi. Madankollu, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk humiex sodisfatti l-eżiġenzi tad-dritt tal-Unjoni applikabbli għad-dritt għal kumpens, b'mod partikolari l-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn il-ksur allegat u d-danni subiti.**

Firem